**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors nru. 109/2011**

**Louise Sammut Alessi (521334M), Carmelina armla minn Paul Genovese (ID 621132M), Emily sive Mima armla mill-Perit Arkitett Joseph Genovese (ID 292327M) u Godwin Genovese (ID 899354M)**

**vs**

**Luciano Tabone**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond numru 40 Providence Street, Balzan li kien mikri lil Carmela Tabone omm l-intimat versu r-rata ta’ kera fl-ammont ta’ €185 fis-sena gia €16.30 fis-sena pagabbli f’Jannar ta’ kull sena.

Illi l-imsemmija Carmela Tabone mietet lejn l-ahhar tas-sena 2010.

Illi fiz-zmien meta mietet Carmela Tabone u fis-snin precedenti ghall-istess akkudat, dan l-istess fond kien qed jigi okkupat minnha biss bhala r-residenza ordinarja u ta’ hadd iehor;

U peress illi l-pussess effettiv tal-fond de quo qieghed kwindi jinzamm indebitament mill-intimat li qed jirrifjuta li jrodd lura c-cwievet u l-pussess vakanti tieghu favur is-sidien rikorrenti;

U peress illi l-istess intimat ma jista jvanta ebda pretenzjoni ta’ dritt fil-konfront tal-istess proprjeta ai termini tal-ligi in vista ta’ dak hawn fuq premess;

Ghaldaqstant, l-esponent jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-raguni premessa jordna lill-istess intimat jizgombra l-barra mill-fond de quo fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-istess Bord u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess liberu u vakanti tal-istess fond fl-istess zmien ordnat minn dan il-Bord.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat baqa' kontumaci mhux biss ghax ma prezenta l-ebda risposta izda wkoll naqas illi jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti ddikjaraw li se jirrimettu ruhhom ghall-atti u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk ma kkontesta bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tar-rikors promotur u li r-rikorrenti ma setghu jaghmlu l-ebda kuntatt mal-intimat.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa zmien xahar mil-lum bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur